**Għad-dehra tiegħek**

Ħallejtni bla kelma
Qisni ma kontx jien,
Kellimtek ħelu
Imlejtni bis-sliem.

Xagħrek hekk iswed
Jitħaddet b'għożża,
Mara zgħażugħa
Qalbha bħal roża.

Sabiħa ħarstek
Tinfed l-aqwa swar,
Ixerred fwieħa
Fil-post tal-madwar.

Naf għaliex smajtek
Titħaddet fis-skiet,
Il-kliem ta' mħabba
Li hemm fis-smewwiet.

Int dejjem tirbaħ
Ja Kanghanija,
Wiċċek hekk ħelu
Kollu sbuhija.

Ħlewwietek kbira
Fiha hemm qawwa,
Li ssaħħek dejjem
Mingħajr ir-ragħwa.

Ta' dinja mlelxa
Bil-wisq mitlufa,
Ruħha imġarrba
Mxaqqa' w maħtufa.

Tibżax mill-kelma
Magħrufa kunflitt,
Ħlewwietek safja
Taf tfejjaq bil-kwiet.

Ibqa' biss iddi
Bl-imħabba miegħek,
Ħierga minn qalbek
Għad-dehra tiegħek.

Patri Mario Attard OFM Cap
6 ta' Jannar 2024

Festa tal-Epifanija

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.